**Qorti tal-Maġistrati (Malta)**

**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Il-Pulizija**

**[Spettur Clayton Camilleri]**

**[Spettur Andrew Agius Bonello]**

**vs**

**Arjun Kunwar**

**Kumpilazzjoni Numru:1105/23**

**Illum, 28 ta' Diċembru, 2023**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkużi miġjuba kontra Arjun Kunwar detentur tal-karta tal-identità bin-numru 0310636M akkużat talli, nhar is-sitta u għoxrin (26) ta' Diċembru 2023, f'xi ħin bejn nofsinhar (12:00) u s-sagħtejn ta' waranofsinhar (14:00), ġewwa 17, Josant, Triq G.

Borg Pantalleresco, Birkirkara, u/jew bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer Maltin:

1. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' haddieħor f'perikolu ċar, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u ċioè offiża ta' natura **ħafifa** fuq il-persuna ta' **Aman Rana** skond kif ġie ċċertifikat minn Dott. Saud Aldhuhli MD (Reg. No. 6542) tal-Isptar Mater Dei u/jew diversi tobba oħra;

2. Talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi, ikkaġuna offiża ta' natura **ħafifa** fuq il-persuna ta' **Aman Rana** skond kif ġie ċċertifikat minn Dott. Saud Aldhuhli MD (Reg. No. 6542) tal-Isptar Mater Dei u/jew diversi tobba oħra, liema offiża ġiet magħmula b'arma regolari u/jew bi strument li jaqta' jew iniggeż;

3. U finalment talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi għamel inġurji jew theddid mhux imsemmija band'oħra fil-Kodiċi Kriminali, jew jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni;

Il-Qorti ġiet ukoll mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurtà ta' Aman Rana billi jekk jidhrilha li huwa xieraq u neċessarju u taħt dawk il-kundizzjonijiet kollha li tqis xierqa u opportuni, toħroġ ordni ta' protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412Ċ tal-Kodiċi Kriminali;

F'każ ta' ħtija għar-reati kollha hawn fuq imsemmija jew għal wieħed biss jew għal uħud minnhom, il-Qorti giet mitluba sabiex tħaddem kontra l-ħati d-dispożizzjoni tal-artikoli 15A u/jew 532A tal-Kodiċi Kriminali, u dan minbarra li tinfliġġi l-piena jew pieni li tistabbilixxi l-liġi;

F'każ ta' ħtija għar-reati kollha hawn fuq imsemmija jew għal wieħed biss jew għal uħud minnhom, il-Qorti giet mitluba sabiex tħaddem kontra l-ħati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 532B u /jew tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, u dan minbarra li tinfliġġi l-piena jew pieni li tistabbilixxi l-liġi;

F'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, il-Qorti ġiet mitluba sabiex tapplika l-Artikoli 382, 383, 384, u 385 tal-Kodiċi Kriminali għas-sigurtà tal-partijiet leżi;

Rat id-dokumenti.

Semgħet il-provi.

Rat l-Artikoli indikati 221, 227, 382A, 383, 384, 385, 412Ċ, 15A u/jew 532A u 532B u/jew 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat ikkonferma l-ammissjoni tiegħu u dan wara li l-Qorti bl-għajnuna tal-interpretu, wissietu bil-konsegwenzi ta' tali ammissjoni u kkonferma li l-Qorti taghtu żmien biżżejjed sabiex jikkontempla d-dikjarazzjoni tiegħu u li fehem l-imputazzjonijiet kollha u l-pieni li jġibu tali imputazzjonijiet.

Stante ammissjoni bikrija u stante d-dikjarazzjoni tal-parte ċivile, il-Qorti ssib lill-imputat Arjun Kunwar ħati tal-akkużi kif dedotti

kontra tiegħu u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat ieħor fi żmien sentejn (2) mil-lum.

Finlament il-Qorti spjegat fi kliem sempliċi r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tiġix obduta.

------------------------------------------

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**
**Maġistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Dep. Reġ.**